MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 719/1984/1

**Raymond Cassar**

**Vs**

**Joseph Psaila**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Peress li ftit gimghat ilu l-attur talab lill-konvenut (li hu bil-hanut) ibieghlu erba’ bottijiet zejt tal-Fiat u minflok zejt, il-konvenut tah Paraflu u accertah li dak kien iz-zejt li hu ried;

Peress li meta l-attur uza dan il-likwidu (li hu ghar-radiator ghamel hsara fil-karozza tieghu Fiat ‘Pony’ numru J-3391, liema hsara tirrizulta dettaljatament fit-trattazzjoni tal-kawza;

Peress li l-konvenut hu ghalhekk responsabbli ghall-hsara li grat fl-istess karozza u ghad-danni kollha li sofra l-attur;

Talab ghalhekk l-istess attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut kien responsabbli ghad-danni li sofra l-attur;

2. Prevja, okkorrendo, d-dikjarazzjoni li l-konvenut wera imperizja u negligenza fix-xoghol tieghu;

3. Tillikwida l-istess danni;

4. Tinnomina periti ghall-finijiet tal-likwidazzjoni;

5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur d-danni hekk likwidati.

Bl-interessi tat-tmienja fil-mija mis-16 ta’ Mejju 1984, data tan-notifika tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ Mejju 1984, u bl-ispejjez,komprizi dawk tal-istess ittra ufficjali;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur, l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi d-domanda attrici hija infondata peress illi huwa qatt ma kkaguna hsara jew danni allegati mill-attur, u bl-ebda mod ma kien responsabbli ghall-hsara msemmija fic-citazzjoni;

2. Illi d-danni allegati mill-attur gew kagonati unikament minhabba nuqqas ta’ attenzjoni u traskuragni tal-attur stess, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi fi kwalunkwe kaz, l-attur irid jipprova in-“nexus” bejn l-allegat nuqqas tal-esponent – illi l-esponent kategorikament jichad u id-danni allegati minnu.

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut, u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tal-11 ta’ April, 1994 li permezz tieghu gie nominat bhala espert gudizzjarju Joseph Zammit sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert gudizzjarju li tinsab a fol. 95 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza tad-29 ta’ Mejju, 1996;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

F’din il-kawza l-attur qed jippretendi rizarciment ta’ danni minghand il-konvenut fuq l-allegazzjoni illi dan beghlu prodott li ma kienx idoneu ghall-vettura tieghu u dan ikkagunalu hsara.

Fix-xhieda tieghu l-attur (fol 26) jghid li hu talab lill-konvenut ibeghlu zejt tal-Fiat imma invece dan beghlu Paraflu, prodott biex jiskansa l-korruzjoni fir-radiator. Minn naha tieghu l-konvenut jizmentixxi dan u ghid li kull ma talbu l-attur kien “erba’ bottijiet tal-Fiat”. Isostni li tal-Fiat hu ibiegh biss bottijiet tal-Paraflu, u qatt ma kellu zejt tal-Fiat. F’dan ghandu s-sostenn tax-xhud Emmanuel Micallef (fol 29), Manager tal-U.C.I.M, li jikkonferma li huma biss igibu zejt tal-Fiat f’Malta.

Mill-kumplament tax-xhieda prodotti jirrizulta wkoll illi:-

(i) L-attur u membri ohra tal-familja tieghu dejjem akkwistaw ghall-htigijiet taghhom prodotti mill-hanut tal-‘ispare parts’ tal-konvenut;

(ii) Jirrizulta li l-attur qatt ma kien bidel iz-zejt tal-karozza li kellu ghax dan kien isir mill-agent tal-Fiat fejn kien jehodha ghas-‘service’;

(iii) L-attur jaf jaghraf iz-zejt ghal dak li hu lewn. Hu jghid li dan hu ta’ kulur kannella mentri l-likwidu li uza mill-bott li xtara minghand il-konvenut kien ta’ lewn blu;

(iv) L-attur jghid li ma jafx jaqra. Fuq il-prodott li xtara kien jaghraf biss il-kelma “FIAT”;

(v) Il-konvenut iddepona li hu kien ikkonsenja lill-attur il-prodott li talbu u cjoe’ “bott tal-Fiat”. Zied jghid li l-attur ma kienx qallu ghal liema skop ried dak il-prodott u allura la talbu “bott tal-Fiat” hu fehem li l-attur ried juzah ghar-radiator.

Dawn huma pressapoco l-versjonijiet tal-kontendenti. Minn evalwazzjoni taghhom wiehed ma jistax jeskludi li jezisti certu element ta’ konflittwalita’. Dan pero’ ma ghandux jaqta’ qalb lil min hu msejjah biex jiggudika ghax, kif ritenut; “*mhux kwalunkwe tip ta’ konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f’dak l-istat ta’ perplessita’ li minhabba fih ma tkunx tista’ tiddeciedi b’kuxjenza kwieta u jkollha taqa’ fuq ir-regola ta’ “in dubio pro reo”.*” (“**Carmelo Farrugia –vs- Rokku Farrugia**”, Prim’Awla, Qorti Civili, 24 ta’ Novembru 1966)

“*Fi kwestjoni ta’ kredibilita` u apprezzament ta’ provi il-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk dik l-ispjegazzjoni hiex possibbli u minn lewn id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja*”. (“**Joseph Borg et –vs- Joseph A. Bartolo**”, Appell, Sede Inferjuri, 25 ta’ Gunju 1980).

Il-Qorti ma tarax li ma ghandhiex taccetta l-versjoni tal-konvenut bhala wahda verosimili jew li ghadha tiskarta l-ispjegazzjoni tieghu illi effettivament hu kien intalab “bott

tal-Fiat”. Ghall-Qorti, kif presjeduta, din l-ispjega hi mhux biss possibbli izda plawsibbli tenut qies li uhud fil-parlata komuni, jirreferu ghal marka jew trade name aktar milli ghal kontenut tal-prodott. U allura ma huwa xejn inverosimili li l-attur effettivament talab ghal “bott tal-Fiat” minghajr ebda referenza ghaz-zejt.

Hemm imbaghad fatturi ohra f’dan il-kaz li jridu jittiehdu in konsiderazzjoni:-

i. Ibda biex jekk l-attur kien konsapevoli ta’ x’kulur kellu jkun iz-zejt ghalfejn, wara li irrikorra ghand il-konvenut ma qallux ghal liema skop kien intenzjonat il-prodott li xtara minn ghandu. Inoltre jekk kien jaf li l-kulur taz-zejt kellu jkun kannella ghalfejn issokta jitfa’ l-bottijiet l-ohra li xtara meta issa kien jaf li l-kulur tal-likwidu kontenut fihom kien ta’ lewn differenti.

ii. Jekk kien jaf li hu illitterat ghalfejn ikkontenta ruhu biss fil-fatt li hu gharaf il-kelma FIAT fuq il-bott u ma talabx lill-venditur jew lil xi hadd iehor jispjegalu fuq il-kontenut tal-bott. Dan forsi kien jinducih jiskopri li jew tal-hanut fehmu hazin jew hu ma spjegax ruhu sew fil-mument li xtara l-prodott. Dan kien hekk aktar necessitat meta din kienet l-ewwel okkazjoni li hu kien qed jaghmel din l-operazzjoni huwa stess. Li jfisser li kien jinkombi fuqu li jkun jaf sew id-direttivi fuq il-prodott.

iii. Ma jirrizultax li l-bejgh kien soggett ghal xi kondizzjoni jew garanzija partikolari. Kien bejgh semplici ta’ prodott maghzul mill-attur innifsu. Jekk kellu dubju seta’ talab spjegazzjoni. Jekk dan kien divers minn dak li huwa kellu f’rasu ghall-iskopijiet tieghu kien ikollu kull dritt jirrifjutah jew jirritornah lura.

Kwestjoni bhal din ma tistax tithalla fl-intenzjoni soggettiva tax-xerrej imma ghandha tigi valutata oggettivament b’mod illi jekk l-oggett mixtri kien jikkorrispondi ghal dak li talab l-attur, dan mhux biss ma jistax jippretendi, kieku si trattava minn kawza dwar komprovendita`, li jiddisdici l-bejgh izda lanqas ma jista’, kif qed jippretendi, illi ghan-nuqqas tieghu – nuqqas ta’ preavviz car lill-venditur dwar

in-natura tal-prodott li xtaq, nuqqas ta’ hila meta skond il-perit tekniku “ipprezenta ruhu biex jaghmel xoghol li ma kienx kapaci jaghmel” – ghandu jirrispondi l-konvenut.

Fuq dan il-ligi hi ben cara fejn tghid illi “kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu” (Art 1031 tal-Kodici Civili).

L-attur ma jistax jitrincera ruhu wara l-fatt li hu persuna llitterata. Il-konvenut ma jidherx li bhala venditur kien taht xi obbligu li joqghod jistaqsi lill-attur xerrej ghal liema fini ried il-prodott. Jekk l-intenzjoni tal-attur kienet dik li jaghmel uzu mill-prodott ghal makna tal-vettura u mhux ghar-radiator taghha messhu wera din l-intenzjoni lill-konvenut biex dan ikun in grad jispjegalu jekk il-prodott kienx idoneu jew le.

F’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hi moralment konvinta illi l-attur ma rnexxielux jipprova l-allegazzjoni centrali u bazika tieghu.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tirrespingi t-talbiet kollha tal-attur, bl-ispejjez jigu sopportati interament minnhu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------